# Mistoqsija u Tweġiba rigward l-investigazzjoni tal-mod kif inbiegħ il-*La Valette Multi Manager Property Fund*

## *Daħla*

Fl-4 ta' Ġunju 2012 u fl-4 ta' Settembru 2012, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) ħarġet stqarrijiet rigward l-azzjonijiet li ttieħdu mill-Awtorità fir-rigward ta' kif inbiegħ il- La Valette Multi Manager Property Fund (LVMMPF) mill-Bank of Valletta. Wara l-pubblikazzjoni ta' dawk l-istqarrijiet, diversi kienu dawk li għamlu numru ta' mistoqsijiet fuq xi aspetti tal-azzjonijiet meħuda mill-MFSA.

Dan id-dokument jiġbor fih dawn il-mistoqsijiet, jiċċara aspetti tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-MFSA, u allura għandu l-għan li jkun ta' użu għal dawk kollha li għandhom interess fl-eżitu ta' dawk l-azzjonijiet. Din il-gwida, f'format ta' Mistoqsija u Tweġiba, jista' jiġi aġġornat, skont il-ħtieġa.

## *1. L-investigazzjoni tal-BOV ingħalqet?*

L-investigazzjoni marbuta mal-prattiċi ta' bejgħ adottati u mħaddma mill-BOV u s-sussidjarji tiegħu meta inbiegħu ishma fil-LVMMPF, ingħalqet fl-1 ta' Ġunju 2012. L-investigazzjoni ta' l-MFSA ikkonkludiet li f'diversi drabi, il-BOV kien naqas li jaġixxi fl-aħjar interess tal-investituri, skont kif mitlub fil-qafas regolatorju applikabbli. Il-multa massima statutorja ta' €203,150 ġiet imposta fuq il-BOV talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja meta biegħ ishma fil-LVMMPF lill-klijenti tiegħu. L-MFSA ħarġet ukoll Direttiva li titlob il-BOV biex jikkoopera f'eserċizzju ta' reviżjoni ta' fajls ta' klijent minn ditta indipendenti ta' servizzi professjonali.

## *2. X'inhu l-għan tar-reviżjoni ta' fajls ta' klijenti?*

L-għan tar-reviżjoni ta' fajls tal-klijenti, li qed isir minn ditta indipendenti ta' servizzi professjonali fl-uffiċċji tal-BOV, hu li jiddetermina liema investituri li kienu irċevew parir finanzjarju fil-LVMMPF, ma jikkwalifikawx bħala investituri ta' esperjenza kif definit fil-prospett supplimentari tal-LVMMPF.

## 3. Min qed iwettaq r-reviżjoni tal-fajls?

Ir-reviżjoni tal-fajls tal-klijent qed isir minn Mazars, ditta internazzjonali ta' servizzi professjonali li għandha uffiċċji f'69 pajjiż differenti. L-uffiċċju tal-Mazars f'Malta hu responsabbli għar-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti. Dan l-uffiċċju qed jiġi assistit minn esperti mill-uffiċċji tar-Renju Unit u Pariġi tal-istess ditta ta' servizzi professjonali.

***4. Liema proċess ġie applikat mill-MFSA għall-għażla tad-ditta ta' servizzi professjonali indipendenti? Għaliex intgħażel Mazars?***

L-għan prinċipali tal-proċess ta' għażla kien li jiġi żgurat li d-ditta ta' servizzi professjonali li tintgħażel tkun tabilħaqq esperta u verament indipendenti. Wara li tħabbret l-intenzjoni li tiġi maħtura tali ditta, numru ta' ditti avviċinaw l-MFSA sabiex joffru s-servizzi tagħhom u l-MFSA ukoll avviċinat numru ta' ditti oħra. Xi ditti ma setgħux jintgħażlu minħabba li seta' kien hemm kunflitt ta' interess. L-għażla finali saret fuq bażi ta' proposti mibgħuta minn ditti bi tweġiba għal kif kellha ssir ir-reviżjoni tal-fajls, kif stabbiliti mill-MFSA. Il-proposta ta' Mazars kienet l-aħjar fir-rigward ta' kompetenza, spiża raġonevoli u indipendenza meta dawn tqishom kollha flimkien.

***5. Min se jħallas għar-revizzjoni tal-fajls tal-klijenti?***

L-MFSA talbet lill-BOV li jħallas l-ispejjeż kollha marbuta mar-reviżjoni tal-fajls tal- klijenti li qed isir minn Mazars.

***6. Meta se titlesta ir-reviżjoni tal-fajls?***

Mazars ingħataw struzzjonijiet mill-MFSA biex ilestu r-reviżjoni tagħhom u jagħmlu r-rapport tagħhom lill-MFSA sa tmiem l-2012. Madankollu, l-abilità tagħhom biex jilħqu din l-iskadenza se tiddependi wkoll fuq kemm jikkopera l-BOV.

***7. X'se jkun l-eżitu tar-reviżjoni tal-fajls?***

Mazars inghataw struzzjonijiet mill-MFSA biex iħejju lista ta' nies li ma kinux investituri ta' esperjenza meta għamlu l-investiment tagħhom fil-LVMMPF. Dawn in-nies għandhom ikunu intitolati għal kumpens mill-BOV. L-MFSA żamm ukoll id-dritt li jagħti lill-BOV ismijiet ta' investituri oħra (mhux inklużi fil-lista tad-ditta ta' servizzi professjonali indipendenti) li fil-fehma tagħha tħoss li jimmeritaw kumpens.

***8. Min se jkun intitolat għal kumpens?***

Dawk l-investituri kollha li irċevew parir fil-LVMMPF u li ma ikkwalifikawx bħala investituri ta' esperjenza fil-mument meta għamlu l-investiment, għandhom ikunu intitolati għal kumpens. Fi kliem ieħor, dawk l-investituri li fir-rigward tagħhom la l-*fact find* jew rekords ta' transazzjonijiet mal-BoV jew rekords oħra miżmuma mill-BOV ma jurux li jilħqu rekwiżiti bħala investituri ta' esperjenza kif definit fil-prospett.

***9. X'inhu klijent li jkun irċieva parir? X'inhi d-differenza bejn klijent li rċieva parir u klijent fejn it-transazzjoni hija ta' esekuzzjoni?***

Klijent li jkun irċieva parir huwa xi ħadd li jkun ħallas għal jew irċieva pariri ta' investiment minn individwu awtorizzat kif suppost. Transazzjonijiet li jsiru b' "esekuzzjoni biss" jkunu saru mingħajr parir. Setgħa kien hemm xi kuntatt bejn id-ditta u l-klijent qabel l-investiment ikun sar, iżda dan ma jfissirx li jitqies bħala parir. Madankollu, meta t-transazzjoni titwettaq m'għandu jkun hemm l-ebda dubju fil-moħħ tal-investitur dwar jekk it-transazzjoni hix fuq bażi ta' eżekuzzjoni biss jew wara parir.

### *10. Jiena kont klijent fejn it-transazzjoni saret permezz ta' "esekuzzjoni biss". Jien intitolat għal kumpens?*

Mazars se jlestu reviżjoni inizjali tal-fajls kollha tal-klijenti tal-BOV għal dawk in-nies li nvestew fil-LVMMPF. Meta t-transazzjoni tiġi kkategorizzata bħala tranżazzjoni li tkun eżekuzzjoni biss, Mazars se tirrevedi l-formularju kollu rilevanti u tivverifika jekk dan imteliex korrettament. Jekk il-formularju ma jkunx imtela korrettament, allura t-transazzjoni mhux ser titqies li tkun saret fuq bażi ta' "esekuzzjoni biss". It-transazzjoni ser tiġi ttrattata bħala transazzjoni li tkun saret wara parir u ssir valutazzjoni fir-rigward jekk il-klijent huwiex investitur ta' esperjenza. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed tagħrif li juri li l-klijent kien investitur ta' esperjenza, allura dak il-klijent huwa dovut kumpens mill-BOV.

**Jekk il-formularju jkun imtela sew, allura t-transazzjoni titqies bħala li saret fuq bażi ta' "eżekuzzjoni biss".** Parti mill-formularju hija d-dikjarazzjoni ta' investitur ta' esperjenza, li l-investituri kollha huma mitluba jiffirmaw qabel ma jinvestu. Fejn id-dikjarazzjoni ta' investitur ta' esperjenza tkun imtliet tajjeb, l-investituri jkunu allura ddikjaraw li huma investituri ta' esperjenza. Huma għalhekk mhux ser ikunu intitolati għal kumpens skont it-termini tad-Direttiva maħruġa mill-MFSA.

### *11. X'inhu l-ammont ta' kumpens?*

L-investituri kollha li ma kienux eliġibbli biex jinvestu fil-LVMMPF kif identifikat mir-reviżjoni tal-fajls tal-klijenti għandhom ikunu eliġibbli għal kumpens li jammonta għad-differenza bejn €1 għal kull sehem u kumpens ieħor diġà imħallas mill-BOV.

### *12. Il-BoV appella mid-Direttiva tal-MFSA?*

Iva, il-BOV appella mid-Direttiva li tordnalu jikkoopera fl-eserċizzju ta' reviżjoni ta' fajls ta' klijenti u jħallas kumpens lil dawk l-investituri li irċevew parir u li ma kinux investituri ta' esperjenza meta sar l-investiment. L-appell qiegħed bħalissa jinstema' mit-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji. Il-BOV jibqa' fid-dmir li jobdi d-Direttiva sakemm ikun hemm deċiżjoni tat-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji dwar il-mertu tal-appell tal-BOV. Il-BOV ħareġ ukoll dikjarazzjoni li tagħmilha ċara li se jikkopera mar-reviżjoni tal-fajls.

***13. Jiena xtrajt ishma fil-fond mingħand intermedjarju ieħor. Il-Mazars se jaraw il-fajl tiegħi? Se nkun dovut kumpens?***

Id-Direttiva maħruġa mill-MFSA tirrigwarda biss il-BOV u l-bejgħ lill-klijenti tal-BOV mill-BOV. Il-fajls li qed tirrevedi il-Mazars huma dawk ta' klijenti tal-BOV biss. Kull min xtara mingħand intermedjarju ieħor jista' jagħmel klejm kontra id-ditta rispettiva jekk l-investitur kien irċeiva parir u ma kienx investitur ta' esperjenza kif definit fil-prospett. Kull individwu li jemmen li ma kienx investitur ta' esperjenza iżda kien klijent li kien irċieva parir għandu l-ewwelnett jagħmel talba lid-ditta li offrietlu l-ishma u jekk ma jaċċettax l-eżitu tal-kumpanija jkun jista' jagħmel ilment mal-*Manager* għall-Ilmenti tal-Konsumatur fi ħdan l-MFSA.

***14. X'jigri jekk ma naqbilx mad-deċiżżjoni ta' Mazars fuq il-fajl tiegħi?***

Mazars ser tkun qed tagħmel rapport lill-MFSA. Id-deċizzjoni finali dwar jekk individwu hux investitur ta' esperjenza jew le se jibqa' mal-MFSA.

***15. Il-fond inghalaq b'riżultat tal-investigazzjoni?***

Le. Teknikament, il-LVMMPF għadu miftuħ għas-sottoskrizzjonijiet (jiġifieri investituri jistgħu xorta jixtru ishma fil-fond), iżda l-possibbiltà ta' aktar investimenti fil-LVMMPF hija waħda remota u d-diskussjoni dwar dan l-aspett huwa pjuttost eserċizzju ta' natura akkademika. Fil-fatt, il-Valletta Fund Services, fir-rwol tiegħu bħala amministratur, għandu d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni għal xiri ta' ishma fil-LVMMPF. Peress li l-BOV huwa bħalissa d-detentur ta' kważi 98% tal-ishma fil-LVMMPF, l-MFSA tistenna li applikazzjonijiet f'dan l-istadju jiġu rrifjutati.

***16. Jekk il-BOV u l-VFM ġew immultati għall-ksur tal-"leverage restriction" għaliex il-prospett għadu validu?***

Il-BOV u l-VFM kienu mmultati rispettivament għall-**monitoraġġ ħażin** u **applikazzjoni żbaljata** tar-restrizzjonijiet ta' investiment li hemm fil-prospett. Għaldaqstant il-multi imposti fuq il-BOV u l-VFM m'għandhom l-ebda effett dirett fuq il-validità tal-prospett attwali maħruġ mill-iSkema.

***17. Għaliex l-investigazzjoni ħadet daqshekk fit-tul biex tintemm?***

Fejn l-MFSA tkun qed tikkunsidra tieħu kwalunkwe azzjoni regolatorja kontra detentur ta' liċenzja huwa importanti li tagħmel dan wara li tikseb biżżejjed fatti biex tiżgura li l-ksur ta' regoli jew xi reat ieħor ikun verament seħħ. Minħabba l-gravità tal-ksur potenzjali f'dan il-każ, il-proċess ta' investigazzjoni involva sensiela twila ta' intervisti u korrispondenza bejn l-MFSA, BOV u partijiet oħra relevanti, inkluż impjegati tal-BOV u l-investituri fil-LVMMPF. Dan il-proċess twil iżda importanti kien meħtieġ sabiex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa għall-MFSA biex tieħu deċiżjoni infurmata kif jixraq.

Kwalunkwe proposta għal azzjoni regolatorja hija wkoll suġġetta għal skrutinju rigoruż mill-Kunsill ta' Sorveljanza fl-MFSA, li hu kompost mid-Diretturi tal-Units Regolatorji fi ħdan il-MFSA u li kien finalment responsabbli għall-ħruġ tad-deċiżjoni finali dwar l-investigazzjonijiet tal-LVMMPF.

*18. X'inhi d-definizzjoni ta' investitur ta' esperjenza?*

Id-definizzjoni ta' investitur ta' esperjenza kienet stabbilita fil-prospett rilevanti u inbidlet matul it-terminu tal-LVMMPF. Id-definizzjoni għalhekk tiddependi fuq il-prospett li kien validu fil-mument tal-investiment. Id-definizzjoni fil-prospett ta' Diċembru 2006 kienet:

Investituri ta' esperjenza huma kkunsidrati bħala persuni li għandhom il-kompetenza, l-esperjenza u t-tagħrif biex ikunu f'qagħda li jieħdu d-deċiżjonijiet ta' investiment għalihom infushom u jifhmu r-riskji li hemm.

Investitur għandu jiddikjara l-bażi li fuqha hu / hi j/tissodisfa din id-definizzjoni, jew billi j/tikkonferma li huwa / hija:

1. persuna li tkun ħadmet fis-settur tas-servizzi finanzjarji għal mill-inqas sena f'pożizzjoni professjonali, jew,
2. persuna li tkun ilha attiva, għal mill-inqas sena f'pożizzjoni professjonali, fl-akkwist u / jew bejgħ ta' fondi fil-proprjetà immobbli u / jew f'titoli marbuta ma' proprjetà immobbli, jew,
3. persuna li fl-aħħar 5 snin, wettqet transazzjonijiet ta' investiment li jammontaw għal mill-inqas is-somma ta' jew ekwivalenti għal USD50, 000.

Fil-każ ta' applikanti konġunti, l-applikanti kellhom:

(i) iwettqu separatament, fl-aħħar 5 snin, transazzjonijiet ta' investiment li jammontaw għal mill-inqas is-somma ta' jew ekwivalenti għal USD50,000 f'liema każ kull detentur konġunt għandu jilħaq, individwalment, il-kriterji ta' Investitur ta' Esperjenza, jew,

(ii) iwettqu konġuntament, fl-aħħar 5 snin, transazzjonijiet ta' investiment li jammontaw għal mill-inqas is-somma ta' jew ekwivalenti għal USD50,000 f'liema każ, sakemm dawn huma l-istess detenturi konġunti, il-kriterji ta' Investitur ta' Esperjenza jistgħu jiġu sodisfatti b'mod konġunt.

*Din hija lista' ta' kliem imqassar użat f'din il-gwida.*

| **Terminu** | **Kelma mqassra** |
|---|---|
| Bank of Valletta plc | 'BOV' |
| La Valette Funds SICAV plc | 'l-iSkema' |
| La Valette Multi Manager Property Fund | 'LVMMPF' |
| Malta Financial Services Authority | 'MFSA' |
| Valletta Fund Management Limited | 'VFM' |

*Ċaħda: Il-MFSA tagħmel minn kollox biex tiżgura li t-tagħrif f'dan id-dokument huwa korrett, iżda ma tagħti ebda garanzija espressa jew impliċita tal-eżattezza tiegħu, lanqas ma taċċetta xi responsabbiltà għal żbalji jew omissjonijiet.*

**Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**3 ta' Ottubru 2012**